31998L0089



# ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 98/89/KE
## ta' l-20 ta' Novembru 1998
## li taddatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 74/152/KEE rigward il-veloċità massima skond id-disinn u l-pjattaformi tat-tagħbija tat-tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE ta' l-4 ta' Marzu 1974 dwar l-istima tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-approvazzjoni tat-tip tat-tratturi bir-roti ta' l-agrikoltura jew l-forestrija [1], kif emendata l-aħħar permezz tad-Direttiva 97/54/KE tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 74/152/KEE ta' l-4 ta' Marzu dwar l-istima tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-veloċità massima skond id-disinn u l-pjattaformi tat-tagħbija tat-tratturi bir-roti għall-agrikoltura u għall-foresterija [3], kif emendata l-aħħar permezz tad-Direttiva 97/54/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Billi, minħabba ż-żieda fil-veloċità massima skond id-disinn għal 40 km/s u l-iżviluppi fit-teknoloġija l-iktar avvanzata, hu xieraq li tkun addattata l-ħtieġa rigward it-tolleranza fil-kejl tal-veloċità msemmija fil-punt 1.5 ta' l-Anness tad-Direttiva 74/152/KEE;

Billi l-miżuri li hemm provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-adozzjoni għall-progress tekniku mdaħħal permezz tad-Direttiva 74/150/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Il-punt 1.5 ta' l-Anness tad-Direttiva 74/152/KEE għandu jiġi emendat kif ġej: "li l-veloċità mkejla taqbeż il-veloċità massima skond id-disinn bi 5 %".

*Artikolu 2*

1. Mill-1 ta' Jannar 2000 l-ebda Stat Membru ma jista:

— jirrifjuta, rigward xi tip ta' trattur, li jagħti l-approvazzjoni tat-tip tal-KE, li joħroġ id-dokument imsemmi fl-Artikolu 10(1), l-aħħar inċiż, tad-Direttiva 74/150/KEE, jew li jagħti l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali, jew

— jipprojbixxi d-dħul fis-servizz tat-tratturi,

jekk dawk it-tratturi iħarsu l-ħtieġijiet tad-Direttiva 74/152/KEE, kif emendata permezz ta' din id-Direttiva.

2. Mill-1 ta' Ottubru 2004, l-Istati Membri:

— ma jistgħux joħorġu aktar id-dokument imsemmi fl-Artikolu 10(1), l-aħħar inċiż, tad-Direttiva 74/150/KEE ta' tip ta' trattur jekk dan ma jħarisx il-ħtiġijiet tad-Direttiva 74/152/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva,

— jistgħu jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali rigward xi tip ta' trattur jekk dan ma jħarisx il-ħtiġijiet tad-Direttiva 74/152/KEE kif emendata b'din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jaderixxu ma' din id-Direttiva sa, l-aktar tard, il-31 ta' Diċembru 1999. Huma għandhom minnufih javżaw lill-Kummissjoni dwar dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, dawn ta' l-aħħar għandhom ikollhom riferenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati bl-imsemmija riferenza meta ppublikati fil-Ġurnal Uffiċjali tagħhom. Il-kondizzjonijiet li jgħoddu għal dik ir-riferenza għandhom ikunu ntrodotti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni t-test tad-disposizzjonijiet essenzjali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

[1] ĠU L 84, tat-28.3.1974, p. 10.
[2] ĠU L 277, ta' l-10.10.1997, p. 24.
[3] ĠU L 84, tat-28.3.1974, p. 33.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' Novembru 1998.

*Għall-Kummissjoni*

Martin BANGEMANN

*Membru tal-Kummissjoni*